MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 59/2009/2

**Avviz Numru: 59/2009 SM**

**Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` L & M Camilleri Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-19 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors promotur datat it-13 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti Tonna talab lil din il-qorti*

*diversament preseduta sabiex tissospendi l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kristallizat permezz ta' ittra ufficjali mahruga minn Edwin Camilleri ai termini tal-artikolu 166A tal-Kodici Civili, li hu l-intimat fil-procedura odjerna;*

*Rat ir-risposta tal-intimat Camilleri nomine datata t-18 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:*

*1. IIIi l-meritu ndirizzat mir-rikors promotur odjern hu "res judicata" stante li d-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2008, ma giex appellat;*

*2. IIIi ma jezisti l-ebda rikors datat il-21 t'Ottubru tas-sena 2008;*

*3. Illi filwaqt li ghamel referenza ghar-risposta originali tieghu ghar-rikors datat il-31 t'Ottubru, 2008, fil-meritu izomm ferm l-eccezzjonijiet tieghu; jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez; u konsegwentement jigi rikonfermat it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 3648/08, bl-ispejjez;*

*Ezaminat id-dokumenti annessi;*

*Rat ix-xhieda hemm mismugha;*

*Ezaminat is-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-10 ta' Gunju tas-sena 2009 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm espressi, ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolou ezekuttiv in dizamina;*

*Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Camilleri datat it-8 ta' Lulju tas-sena 2009;*

*Rat ir-risposta tal-appell datata t-3 t'Awwissu tas-sena 2009;*

*Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2009 li permezz taghha, ghar-*

*ragunijiet hemm esposti, ordnat is-sospensjoni provizorja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skont id-digriet tal-20 ta' Frar tas-sena 2009 u rrimettiet l-atti lill-ewwel qorti biex din taghti provvediment finali fid-dawl tal-ezitu tar-rikors numru 338/08 bejn l-istess partijiet, bl-ispejjez rizervati;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi s-saga li rrizultat fil-procedura odjerna hija naxxenti minn ittra ufficjali bin-numru 3648/08 mahruga mill-intimat Camilleri kontra r-rikorrent Tonna, u hija datata t-2 ta' Settembru tas-sena 2008;*

*Illi din il-qorti diversament preseduta, preza b'rikors tar-rikorrenti odjern Tonna datat it-2 ta' Dicembru tas-sena 2008 u wara li ezaminat ukoll ir-risposta datata l-31 t'Ottubru tas-sena 2008, cahdet it-talba tar-rikorrenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali originali indikata fil-paragrafu precedents;*

*Illi minn ezami tax-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta ma jirrizulta li hemm xejn x'jipperswadiha mod iehor;*

*Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Tonna, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-appell, kontra l-istess rikorrenti."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Tonna datat 2 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appellat Edwin Camilleri (KI 44755 M) ghan-nom ta' L & M Camilleri Limited (C-3590) datata 18 ta' Lulju 2011 a fol. 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija

gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez tal-istanzi kollha kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta’ Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Joanne Vella Cuschieri ghall-appellat prezenti. L-appellant u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta’ April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li dan l-appell huwa dipendenti fuq dak li ser jigi deciz fl-appell l-iehor Numru 25/11 fl-ismijiet **“Mario Tonna vs Edwin Camilleri ghan-non u in rappresentanza tas-socjeta’ L & M Camilleri Ltd” (Rikors Numru 388/2008).**

Illi fl-appell odjern saret (a) riferenza ghall-aggravji mqajjma proprju fil-procedura li dan ir-rikors huwa dipendenti fuqha; (b) li la darba dehret fil-procedura l-appellata ghandha tigi ritenuta li gie notifikata bir-rikors tat-13 ta’ Frar 2009.

Illi fid-dawl ta’ dan din il-Qorti fl-ewwel lok tirreferi ghal dak li gie deciz illum fl-Appell Numru 25/11 fl-ismijiet premessi **“Mario Tonna vs Edwin Camilleri ghan-non u in rappresentanza tas-socjeta’ L & M Camilleri Ltd” (Rikors Numru 388/2008)** u tirreferi ghall-istess u in kwantu applikabbli tiddeciedi u tapplika l-istess anke f’din il-pendenza.

Illi jinghad ukoll li fil-kuntest ta' din id-decizjoni hawn appellata jidher li d-decizjoni appellata giet deciza fuq risposta li kienet intavolata fil-procedura l-ohra u hawn qed issir riferenza ghar-risposta datata 18 ta' Frar 2009 li hija ovvjament intiza ghall-procedura msemmija li ma hijiex din. Dan fih innifsu jrendi l-istess decizjoni tal-Ewwel Qorti hawn appellata bhala nulla u bla effett.

Illi dan kien gja rilevat fid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni taghha tal-11 ta' Dicembru 2009 (ovvjament moghtija f'dawn l-atti fol. 74 *et sequitur),* izda xorta wahda din tirrizulta f'pagna 2 tad-decizjoni odjerna fuq riportata. Dejjem in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u sa fejn applikabbli, ghaliex hawn l-imsemmija decizjoni tal-Ewwel Qorti qed tigi annullata, din il-Qorti taqbel ma' dak li nghad fis-sentenza ta' din il-Qorti msemmija li *"huwa xieraq u gust illi ghalissa l-imsemmi digriet provizorju jibqa' impregudikat, kif ghandu wkoll f'dan il-kaz jibqa' impregudikat ghall-partijiet,kif ghandu wkoll f'dan il-kaz jibqa' impregudikat ghall-partijiet il-kap ta' l-ispejjez".* Id-differenza hija wahda li din id-decizjoni qed tinghata l-fuq minn sentejn wara li nghata d-decizjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta u s-sitwazzjoni ghadha l-istess u mhux risolta.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 18 ta' Lulju 2011 in kwantu hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Mario Tonna fir-rikors tal-appell tieghu datat 2 ta' Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta' April 2011 fl-ismijiet "Mario Tonna vs Edwin Camilleri nomine" (Rikors 59/09) ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi kif hawn deciz, u ghalhekk tibghat lura l-atti processwali lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz,**

**jigi trattat u deciz il-mertu tar-rikors promotorju, b'dan li l-kaz jigi finalment deciz skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez stante n-natura tal-kaz jinqasmu bejn il-partijiet odjerni.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------